MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2207/2003

**Casapinta Design Group Limited**

**vs**

**Antoine Agius Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm228.62) rapprezentanti prezz ta' provizjoni ta' ghamara u attrezzi utilizzati mis-socjeta konvenuta fuq struzzjonijiet taghha stess u dana in konnessjoni mal-"Green Week" Fair 2002, skond fattura numru 6959.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 11 ta’ Settembru 2003 u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta dehret fis-seduta tal-5 ta’ Marzu, 2003 fejn ammettiet t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm228.62) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------